MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Numru. 172/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**DAVID ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

David Attard ta’ 37 sena, bin Victor u Grace nee’ Agius, mwieled San Giljan nhar is- 17 ta’ Lulju 1971, residenti fil-fond numru 288, St. Joseph High Road, Santa Venera u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 213075(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli nhar it- 18 ta' Frar 2009 ghall- habta ta' xi 21.30hrs gewwa Triq il- Kbira San Guzepp, Santa Venera, volontarjament hassar, ghamel jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-vettura bin- numru tar- registrazzjoni LAC 657, tal- marka Isuzu Gemini, liema hsara hija ta' aktar minn Lm 50 (hamsin lira Maltin) jew €116.57 ( mija u sittax il- ewro u sebgha u hamsin centezmu) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt lira Maltin) jew €1164.69(elf mija u erbgha u sittin ewro u disa' u sittin centezmu) ghad- dannu ta' Gaetano Gatt u dan bi ksur tal- Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

Rat illi fis-seduta ta' llum deher Gaetano Gatt, il-parte civile, li ddikjara li hu kien thallas ghad-danni kollha mill-imputat, u ghalhekk ma kellu ebda pretensjoni ohra kontra tieghu.

**Ikkunsidrat:**

In vista tal-ammissjoni tal-imputat u tar-rinunzja tal-azzjoni tal-parte civile, ghalkemm teknikament l-azzjoni m'hix wahda rinunzjabbli, il-Qorti qieset dawn ic-cirkustanzi kollha ghall-finijiet tal-piena, u sejra taghti sanzjoni fil-

komunita’ ghal perijodu ta’ sena, anke in vista li l-ammont ta’ danni thallas kollu qabel is-seduta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 325 (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------